# IL-ĦAMES PARTI
# IT-TIENI SEZZJONI
# APPELLI KRIMINALI
# (Sede Inferjuri)

**12 ta' Frar, 1988**

**Imħallef: –**

**Onor. Carmel A. Agius B.A. LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Mario Vella

**Att dwar il-Kontroll fuq il-Kambju – Kompetenza tal-Qorti Istruttorja – Amnestija – *Final Acquittal* – Appell ta' l-Avukat Ġenerali**

*Jekk il-Qorti Istruttorja, wara li tkun semgħet il-provi, tkun biss waslet għall-konklużjoni li ma hemmx raġunijiet biżżejjed biex l-imputat jitqiegħed taħt att ta' akkuża u ordnat il-liberazzjoni tiegħu fis-sens u fit-termini ta' l-artikolu 401(2) tal-Kodiċi Kriminali, l-Avukat Ġenerali m'għandux ir-rimedju ta' l-appell fit-termini ta' l-artikolu 413, iżda jista', jekk irid, jaġixxi biss taħt l-artikolu 433(3) ta' l-imsemmi Kodiċi.*

*Jekk, però, mid-deċiżjoni ta' l-ewwel Qorti jkun evidenti li din tkun neżgħet il-vesti tagħha ta' Qorti Istruttorja u libset dik ta' Qorti ta' Ġudikatura Kriminali b'mod illi l-Avukat Ġenerali jkun ġie impedut milli jeżerċita il-fakultajiet li tagħtih il-liġi u b'mod li dik*

*is-sentenza tista' tiġi opposta bħala ġudikat, allura l-Avukat Ġenerali għandu dritt ta' appell fil-limiti u fit-termini ta' l-artikolu 413.*

*Il-liberazzjoni li tista' takkorda l-Qorti Istruttorja ma tistax tkun dik li tekwivali għal "final acquittal".*

*Stante li f'dan il-każ ir-reat kien iġorr piena ta' aktar minn sitt xhur priġunerija l-ewwel Qorti ma setgħetx tiddeċidi hi l-każ bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali.*

Il-Qorti: –

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba mill-Pulizija kontra l-imputat talli f'Ottubru, 1985 mingħajr il-permess tal-Ministru tal-Finanzi u bħala persuna residenti f'Malta għamel ħlas barra minn Malta lil jew a kreditu ta' persuna mhux residenti f'Malta bi ksur ta' l-artikolu 9 ta' l-Att XLIX ta' l-1972 dwar il-Kontroll fuq il-Kambju u mingħajr permess tal-Ministru tal-Finanzi esporta barra minn Malta xi biljetti tal-flus jew muniti li huma ġew li kienu f'xi żmien valuta legali f'Malta jew flus barranin bi ksur ta' l-artikolu II ta' l-Att XLIX ta' l-1972 dwar il-Kontroll fuq il-Kambju;

Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżira ta' Malta mogħtija fit-13 ta' Jannar, 1988 li biha wara li kkunsidrat:

"Illi jirriżulta li l-imputat ibbenefika mill-amnestija dwar il-*videos*, tant li l-oġġetti maqbuda ġew rrilaxxjati lilu kif jirriżulta mill-provi";

Iddeċidiet li r-reat ma jirriżultax u għalhekk l-imputat m'għandux fuq hiex joqgħod taħt att ta' akkuża u għalhekk

ordnat li l-imputat jiġi lliberat u li l-attijiet tal-kumpilazzjoni flimkien ma' l-oġġetti li għandhom x'jaqsmu mal-każ jiġu mibgħuta *lill-Avukat Ġenerali* fi żmien tlett ijiem tax-xogħol a tenur ta' l-artikolu 401(2)(3) tal-Kodiċi Kriminali;

*Rat* ir-rikors ta' l-appell ta' l-Avukat Ġenerali li bih talab li din il-Qorti jogħġobha tħassar u tirrevoka d-deċiżjoni appellata u minflok issib lill-imputat appellat ħati ta' *l-imputazzjonijiet kontra tiegħu* u tgħaddi biex tinfliġġi l-piena preskritta mil-liġi;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Semgħet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

*Omissis;*

Illi l-aggravji ta' l-Avukat Ġenerali huma testwalment kif ġej u ċjoè:

"Illi huwa evidenti li l-ewwel Qorti kkon*vertiet* ruħha f'*Qorti ta'* Ġudikatura Kriminali meta ddeċidiet li in vista tal-fatt li l-imputat ibbenefika mill-amnestija dwar il-*videos* allura r-reat ma kienx jissusisti. Dan għaliex deċiżjoni simili tammonta *għall-"acquittal"* ta' *l-imputat* u *mhux* semplici *'discharge'* kif tkun deċiżjoni tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja. Ma hemmx dubju li *l-ewwel* Qorti lliberat fis-sens ta' *"acquitted"* lill-imputat bid-deċiżjoni tagħha u *mhux* sempliċement illiberatu fis-sens ta' *'discharge'* kif trid il-liġi fil-każ ta' deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja għat-tenur ta' l-artikolu 401(2) tal-Kodiċi Kriminali;

Kieku kien hemm "amnestija", li ma kienx hemm u ma tirriżulta minn imkien fil-proċess li kien hemm u anqas jirriżulta t-termini ta' din is-suppost "amnestija" u l-massimu li seta' kien hemm kienet *"concession"* amministrattiva li wkoll it-termini tagħha ma jirriżultawx mill-proċess, iżda kieku kien hemm xi tali amnestija dan ma jwassalx għall-konklużjoni li waslet għaliha l-ewwel Qorti li r-"reat ma jissusistix". L-ewwel Qorti assumiet ħafna affarijiet li ma rriżultawx mill-provi quddiemha fosthom is-suppost amnestija u għaddiet *"acquitted"* lill-imputat";

Ikkunsidrat:

Illi dak li ser tiddeċidi din il-Qorti f'dan l-istadju hu preċiżament jekk l-Avukat Ġenerali setgħax jappella kif għamel fit-termini ta' l-artikolu 413 tal-Kap. 9 jew jekk setgħax biss fiċ-ċirkostanzi jirrikorri għar-rimedji li jikkontempla l-artikolu 433(3) tal-Kap. 9;

Illi l-artikolu 433(3) tal-Kap. 9 jiddisponi li "L-Avukat Ġenerali jista', fi żmien xahar minn dak in-nhar li jkunu ġew lilu mibgħuta l-attijiet tal-Kumpilazzjoni, joħroġ mandat taħt il-firma tiegħu għall-arrest ta' persuna lliberata mill-Qorti tal-Pulizija Ġudizzjarja, meta huwa u wieħed mill-Imħallfin, barra minn Imħallef li ordinarjament joqgħod fil-Qorti ta' l-Appell Kriminali jew Imħallef li ordinarjament joqgħod fil-Qorti Kriminali jkun jidhrilhom li hemm raġunijiet biżżejjed biex dik il-persuna tiġi mqiegħda taħt att ta' akkuża; u f'dak il-każ, iż-żmien għall-preżentata ta' l-att ta' l-akkuża jibda jgħodd minn dak in-nhar ta' l-arrest";

Illi din il-Qorti kif ippresjeduta diġà kellha opportunità tidħol fi kwistjoni simili fis-sentenzi tagħha **Il-Pulizija *vs* Joseph**

**Vella** deċiża fl-1 ta' Settembru 1983, **Il-Pulizija vs Alfred Debono** deċiża fit-2 ta' Settembru 1983 u **Il-Pulizija vs Dr. Joseph Cassar Galea** deċiża fil-11 ta' April, 1984;

F'dawn is-sentenzi din il-Qorti kif ippresjeduta esprimiet ruħha kif ġej u ċjoè:

(1) Jekk l-Ewwel Qorti tkun merament wara li kkompilat il-provi waslet għall-konklużjoni li ma hemmx raġunijiet biżżejjed biex l-imputat jitqiegħed taħt att ta' akkuża u ordnat il-liberazzjoni tiegħu fis-sens u fit-termini ta' l-artikolu 401(2) tal-Kap. 9, allura l-Avukat Ġenerali m'għandux ir-rimedju ta' l-appell fit-termini ta' l-artikolu 413 tal-Kap. 9 iżda jista' jekk irid jaġixxi biss taħt l-artikolu 433(3) tal-Kap. 9;

(2) Jekk però mid-deċiżjoni ta' l-Ewwel Qorti jkun evidenti li dik il-Qorti tkun neżgħet il-vesti tagħha ta' Qorti ta' Istruttorja u libset dik ta' Qorti ta' Kriminali Ġudikatura b'mod illi l-Avukat Ġenerali jkun ġie impedut milli jeżerċita l-fakultajiet li tagħtih il-liġi u b'mod li dik is-sentenza tista' tiġi opposta bħala ġudikat, allura l-Avukat Ġenerali għandu ċertament id-dritt ta' appell fil-limiti u fit-termini ta' l-artikolu 413 tal-Kap. 9;

Ikkunsidrat għalhekk:

Illi dak li ddeċidiet l-Ewwel Qorti biex jitpoġġa fil-perspettiva proprja tiegħu jrid bilfors jiġi kkunsidrat fil-kwadru ta' dak li ġara qabel ma fil-fatt ġiet ippronunzjata s-sentenza appellata quddiem l-Ewwel Qorti;

Fis-seduta tat-8 ta' Jannar, 1988 quddiem l-Ewwel Qorti meta l-imputat ġie mistoqsi kif isir f'kull kumpilazzjoni jekk iridx

u x'irid iwieġeb għall-akkuża huwa wieġeb li mhux ħati *stante* illi fuq il-fatti in kwistjoni kien hemm amnestija applikabbli għar-reat prinċipali dwar importazzjoni illegali u għalhekk ir-reat hu estint u ħadd ma jista' jressaq fuq l-istess fatti jew fuq fatti kompriżi u involuti lill-persuna li bbenefikat mill-amnestija peress li dan imur kontra l-artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

Wara dan il-verbal, l-Ewwel Qorti li kienet qed tiffunzjona bħala Qorti ta' Istruttorja ordnat li l-Uffiċjal Prosekutur iressaq il-provi tiegħu u ħalliet impreġudikata l-kwistjoni ssollevata mill-avukat ta' l-imputat;

Sussegwentement instemgħu l-provi u l-Ewwel Qorti fit-13 ta' Jannar, 1988 tat is-sentenza li minnha issa hemm appell;

Issa kif qalet din il-Qorti fis-sentenza *sup. cit. in re* "Il-Pulizija *vs* Dr. Cassar Galea" "minn eżami tad-diversi disposizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali tagħna din il-Qorti m'għandhiex dubju dwar xi kwalità ta' liberazzjoni trid tkun dik li takkorda l-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja bħala Qorti ta' Istruttorja. Infatti dik il-liberazzjoni ma tistax tkun dik li tekwivali għall-*"final acquittal"*, dana għaliex l-artikolu 416 u 446 (illum 404 u 434) tal-Kodiċi Kriminali ma jħallux dubju dwar dan";

Illi fil-każ in diżamina, fid-dawl tal-prinċipji legali ġà enunzjati, meta wieħed jikkonsidra li l-Ewwel Qorti testwalment iddeċidiet "li r-reat ma jirriżultax" ma kinitx qed tasal għal deċiżjoni ta' *"discharging"* fis-sens ta' l-artikolu 401(2) tal-Kap. 9 iżda kienet qed tasal għall-*"final acquittal"* fil-veru sens tal-kelma għax kienet qed tiddirimi l-kwistjoni tal-ħitja *o meno* ta' l-imputat definittivament. Infatti jekk ir-reat ma jirriżultax il-

persuna indizjata qatt ma *tista' tiġi* akkużata mill-ġdid u dan *mhux dak li l-liġi pprevediet meta ipprovdiet għal "discharging"* taħt l-artikolu 401(2) tal-Kap. 9;

Dan *kollu jwassal* għall-ewwel konklużjoni fundamentali f'dan l-appell u ċjoè illi meta l-Ewwel Qorti ddeċidiet is-sentenza appellata minn Qorti ta' Istruttorja ikkonvertiet ruħha f'Qorti ta' Ġudikatura u ddeċidiet definittivament fuq il-ħtija ta' l-*imputat issa appellat*;

A bażi ta' dan għalhekk dejjem fil-limiti u fit-termini ta' l-artikolu *413 tal*-Kap. 9 l-Avukat Ġenerali kellu bil-fors jagħmel dan l-appell għax fil-fatt ma tħallietlux il-possibilità li jaġixxi taħt l-artikolu 433(3) tal-Kap. 9;

*Sorpassat* dan l-aspett legali tal-kwistjoni jmiss issa jiġi deċiż jekk l-appell ta' l-Avukat Ġenerali hux radikat taħt l-artikolu 413 tal-Kap. 9 li jillimitalu d-dritt ta' appell għal ċerti każijiet biss;

Ikkunsidrat għalhekk:

Illi fit-termini *tar-rikors ta'* l-appell tiegħu l-Avukat Ġenerali afferma li hu ħassu aggravat bid-deċiżjoni appellata in kwantu tammonta għal dikjarazzjoni erroneja li l-azzjoni hi estinta u in kwantu l-istess deċiżjoni fiha enunzjazzjoni żbaljata u inkompleta *tal-liġi*;

Fit-trattazzjoni quddiem din il-Qorti *inoltre* l-istess Avukat Ġenerali *kif kellu dritt* jagħmel issottometta bħala aggravju ulterjuri li l-Ewwel Qorti ma setgħetx tiddeċidi dak li ddeċidiet għax bħala Qorti ta' Kriminali Ġudikatura ma kellhiex kompetenza tiddeċidih;

Illi fuq dawn l-aggravji din il-Qorti ħasbet fit-tul u waslet għal dawn il-konklużjonijiet;

Illi fl-ewwel lok jiġi osservat illi skond l-artikolu 41 ta' l-Att XLIX ta' l-1972 kull persuna li tagħmel reat kontra dak l-att teħel meta tinstab ħatja multa ta' mhux iżjed minn elfejn lira jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sentejn jew dik il-multa u priġunerija. Il-*proviso* ta' l-istess artikolu jipprovdi għall-każijiet fejn il-multa tista' tiġi awmentata;

Issa skond il-paragrafi (b)(ċ) tas-sub-artikolu (1) ta' l-artikolu 370 tal-Kodiċi Kriminali *stante* li r-reat dedott kien iġorr il-piena li ssemmiet l-Ewwel Qorti ma kinitx kompetenti biex tiddeċidi hi l-każ bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali in mankanza ta' l-applikazzjoni da parti ta' l-Avukat Ġenerali tas-sub-artikolu (3) ta' l-artikolu 370 tal-Kodiċi Kriminali u dan fit-termini ta' l-artikolu 413(1)(b)(ii) ta' l-istess Kodiċi jintitola lill-Avukat Ġenerali jappella;

Mela isegwi li l-appell tiegħu hu radikat sewwa u jekk fil-fatt jirriżulta, kif jirriżulta li l-Ewwel Qorti ħarġet barra mill-kompetenza tagħha anki bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali l-appell tiegħu jiġi akkolt u ma jkunx hemm ħtieġa jiġu kkunsidrati l-aggravji l-oħra tiegħu;

Diġà ngħad li minħabba dak li hemm stabbilit fid-disposizzjonijiet tal-liġi relattivi ċċitati filwaqt li l-Ewwel Qorti kellha kull dritt tikkonduċi l-kumpilazzjoni fit-termini tal-liġi ma kellhiex dritt tikkonverti ruħha bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali u tiddeċidi dak li ddeċidiet għax il-liġi ma tagħtix dik il-kompetenza;

Issa skond l-artikolu 428(1) tal-Kodiċi Kriminali jekk din il-Qorti ssib li l-fatt miġjub fl-akkuża jġib reat suġġett għal piena li taqbeż il-kompetenza tal-Qorti tal-Pulizija Ġudizzjarja bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, għandha tħassar is-sentenza u tibgħat l-attijiet lill-Qorti tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja bħala Qorti Istruttorja;

Għal dawn il-motivi għalhekk filwaqt li tirrespinġi l-eċċezzjoni ssollevata mill-imputat appellat dwar in-nullità ta' l-appell, tilqa' l-appell interpost mill-Avukat Ġenerali u konsegwentement tħassar is-sentenza appellata u fit-termini ta' l-artrikolu 428(1) tal-Kodiċi Kriminali tibgħat l-attijiet lill-Qorti tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja bħala Qorti Istruttorja għall-kontinwazzjoni skond il-liġi.